MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 330/15LM

**Irene Roberts (K.I. 701054M)**

***vs.***

**Josephine Gera (K.I. 687262M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' April, 2015 mill-attriċi **Irene Roberts** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), li jgħid kif ġej:

*Illi nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2013, għall-ħabta tas-2.15pm, filwaqt li l-esponenti kienet miexja fi Triq il-Qrejten, Pietà, l-intimata, waqt li kienet qed issuq il-vettura tagħha tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni EBL-696, baqgħet dieħla fl-esponenti u kkaġonatilha ġrieħi gravi.*

*Illi b'riżultat ta' dawn il-ġrieħi, l-esponenti inkorriet diversi spejjeż u telf ta' qligħ, oltre li sofriet ukoll diżabilità permanenti li ser tikkaġunalha telf ta' qligħ futur.*

*Illi dan l-inċident ġara unikament bi ħtija tal-intimata Josephine Gera minħabba negliġenza, transkuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.*

*Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Marzu, 2015 sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġonati bi ħtija tagħha, hija baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, previa kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli għall-inċident imsemmi li ġara fit-30 ta' April, 2013, u għad-danni kollha li sofriet l-esponenti b'konsegwenza tal-istess.*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti b'riżultat tal-istess, okkorrendo bl-operat ta' perit nominand.*

3. *Tikkundanna lill-intimata tħallas lill-esponenti s-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' April, 2013 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-inċident kontra l-istess intimata li tibqa' inġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni.*[1]

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Josephine Gera** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Settembru, 2015, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar it-30 ta' April, 2013 fi Triq Qrejten, Pietà, illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL 696, misjuqa mill-eċċipjenti, u lill-attriċi;*

[1] Ġew esebiti mar-Rikors Maħluf ir-rapport tal-Pulizija *a fol.* 5 sa 9 u kopja tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Marzu, 2015, *a fol*. 10.

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-eċċipjenti kienet b'xi mod taħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnha allegati u reklamati u ġġib il-prova wkoll tan-ness kawżali mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri għall-istess allegati danni, anke in vista ta' kwalunkwe kundizzjoni medika preċedenti li setgħet kienet issoffri minnha l-istess attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Frederick Zammit Maempel li ġie kkonfermat bil-ġurament fit-3 ta' Marzu, 2017.[2]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

[2] *A fol.*255 sa 260.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Fit-30 ta' April, 2013 fi Triq Qrejten, Pietà seħħ inċident stradali bejn l-attriċi li kienet mixja fl-istess triq, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL 696 misjuqa mill-konvenuta. L-attriċi tikkontendi li l-konvenuta baqgħet dieħla fiha bil-vettura tagħha waqt li din kienet mixja fit-triq u kkaġunatilha ġrieħi gravi u li dan l-inċident ġara unikament bi ħtija tal-konvenuta minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. Il-konvenuta min-naħa tagħha tgħid illi assolutament mhuwiex minnu illi hija kienet b'xi mod taħti għall-imsemmi inċident. Barra minn hekk il-konvenuta tgħid illi l-attriċi għandha ġġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnha reklamati u ġġib il-prova wkoll tan-ness kawżali mal-inċident imsemmi mal-istess allegati danni, anki in vista ta' kwalunkwe kundizzjoni medika preċedenti li setgħet kienet issofri minnha l-istess attriċi.

## Provi u riżultanzi

*Provi dwar id-dinamika u responsabbilità għall-inċident:*

**Alfred Bugeja**[3] xehed li dakinhar tal-inċident kien ra lill-attriċi mal-art fuq il-bankina muġugħa u baqa' sejjer javża lir-raġel tagħha. Ix-xhud jgħid li ilu joqgħod l-Imsida 65 sena u jaf lill-attriċi u lir-raġel tagħha bħala ġirien, però qatt ma kellem lill-attriċi. Bugeja jgħid li jiftakar lill-attriċi zzappap qabel l-inċident, imma mhux bil-krozzi u fl-istat li kienet wara l-inċident.

[3] *A fol.* 32 u 33 u kontroeżami *a fol.* 33 u 34.

L-attriċi **Irene Roberts** xehdet permezz ta' affidavit[4] fejn spjegat li dakinhar tal-inċident marret tixtri għand il-*grocer* f'xis-sagħtejn ta' wara nofsinhar, viċin id-dar tagħha fi Triq Clarence, l-Imsida. X'ħin ħarġet mill-ħanut tal-*grocer*, hija baqgħet tiela' t-triq fuq il-bankina biex tkun tista' taqsam u hekk kif kienet kważi qasmet viċin il-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq, il-vettura tal-konvenuta daret b'veloċità qawwija l-kantuniera minn Triq Clarence għal Triq Qrejten viċin il-bankina fejn kienet hi, laqtitha f'riġlejha il-leminija, tajritha u hija spiċċat ħabet moħħha mal-*windscreen* tal-vettura u waqgħet mal-art. L-attriċi tgħid li ftit li xejn tiftakar x'ġara wara, ħlief li kien hemm persuna Ingliza li baqgħet tkellimha biex ma tintilifx minn sensiha u wara ġew il-Pulizija u l-ambulanza. L-attriċi tgħid li fl-isptar Mater Dei sabulha ksur kbir f'riġlejha l-leminija u damet l-isptar ġimagħtejn u nofs u wara baqgħet bil-krozzi u muġugħa sal-lum. Irene Roberts tgħid li kienet qed tistenna li ssirilha operazzjoni li skont ma qalulha l-isptar ta' Malta, kellha ssir l-isptar ta' Oxford, l-Ingilterra, taħt ċertu Mr McNally. L-attriċi tgħid li qabel l-inċident kienet tħobb timxi ħafna anki sa Tas-Sliema, imma llum ma tistax tmur timxi aktar. Id-dar il-ħin kollu sserraħ sieqha u anki meta tmur għand il-*grocer* tixtri, in-nies ikollhom iġibulha x-xirja.

Meta xehdet *viva voce*[5], l-attriċi tgħid illi qabel l-inċident kienet timxi sewwa iżda llum ikollha timxi bil-krozzi u l-ispeċjalista Mr Massimo Abela qalilha li kien fadlilha l-ksur u kellha tagħmel operazzjoni. L-attriċi tgħid li fl-inċident intlaqtet bejn il-koxxa u l-irkoppa l-leminija, taret fuq il-*windscreen* u waqgħet mal-art u spiċċat taħt ir-roti tal-vettura. Irene Roberts tgħid li qabel ma qasmet telgħet aktar 'il fuq fejn setgħet taqsam

[4] *A fol.* 38.
[5] *A fol.* 41 u 42 u a *fol.* 243 sa 248.

sewwa mhux fil-kantuniera għax taf li t-triq traffikuża, iżda meta qasmet rat il-vettura tal-konvenuta ġejja għal fuqha u baqgħet iżżid l-i*speed.* L-attriċi tgħid li kien hemm tnejn min-nies fil-vettura li laqtitha. L-attriċi tgħid li qabel l-inċident it-tabib kuranti tagħha kien Dr Adrian Vassallo u kulma kellha ftit tal-artrite f'sieqha konsegwenza tal-età u dan xi tliet snin qabel l-inċident.

In kontroeżami l-attriċi tgħid[6] li meta ħarġet mill-ħanut tal-*grocer* jismu Nella's, telgħet lejn in-naħa ta' fuq tat-triq, it-tul ta' xi erbat idjar. Għalkemm qalet li qabel l-inċident kienet timxi sewwa, l-attriċi ammettiet li meta kellha xi sebgħa snin kienet intlaqtet minn karozza u spiċċat l-ITU u kellha ksur f'daharha u fl-istess sieq fejn sofriet il-ġrieħi fl-inċident mertu ta' din il-kawża. L-attriċi ammettiet ukoll li lill-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel meta eżaminha ma kinitx qaltlu b'dan l-inċident ta' meta kienet għadha tfal għax ma kienx staqsieha.

In rieżami l-attriċi tgħid dwar l-inċident ta' meta kellha seba' snin, li taf li damet tliet ġimgħat l-isptar u wara kienet spiċċat bil-krozzi għal ftit żmien. Dakinhar tal-inċident *de quo* qalet li kienet marret l-isptar fejn kellha appuntament għal test tal-qalb u wara mill-*grocer* kienet sejra lura d-dar fi Triq Clarence.

Xehed permezz ta' affidavit ir-raġel tal-attriċi **Nazzareno Roberts**[7], li jgħid li dakinhar tal-inċident kien id-dar u hekk kif infurmah bl-inċident Alfred Bugeja magħruf bħala Freddie Lombardi, huwa mar fuq il-post tal-inċident u sab lil mara mal-art u persuna Ingliża magħha. Ix-xhud jgħid li wara ġew

[6] *A fol.* 264 sa 268 u rieżami *a fol.* 268 sa 271.
[7] *A fol.* 39.

il-Pulizija u l-ambulanza. Nazzareno Roberts jgħid li kienu għadhom qed jistennew appuntament l-Ingilterra għall-operazzjoni tal-mara u qal li wara l-inċident baqgħet timxi bil-krozzi u li m'għadhomx aktar imorru jippassiġġaw għax qal li martu saret tbati wisq biex timxi.

Meta Nazzareno Roberts xehed *viva voce*[8], huwa jgħid li meta sab lill-mara tiegħu mal-art, in-nies qalulu li kienu mexxewha minn quddiem il-karozza li laqtitha. Ix-xhud jgħid li l-konvenuta kienet mal-ħajt tibki u qal li kien mar fuqha u qalilha biex ma toqgħodx tinkweta għax ma kienx hemm affarijiet gravi. Ix-xhud jgħid li ma ssoponiex bil-gravità tal-kundizzjoni tal-mara tiegħu għax ra tidħaq ma' dik l-Ingliża li kienet qiegħda twennisha. Tant hu hekk meta waslu l-isptar u ġew il-Pulizija, huwa qalilhom li kien lest jaħfrilha lill-konvenuta għax ma kienx għadu jaf bil-gravità tal-inċident. Imma meta l-Pulizija sema' bis-sitwazzjoni gravi li l-mara tiegħu kienet fiha u saħansitra l-isptar Mater Dei kienu qed jaħsbu li jistgħu jaqtgħulha sieqha barra, il-Pulizija qallu li jkollhom bilfors itellgħu lill-konvenuta l-Qorti, imbagħad jekk ikun irid jaħfrilha.

In kontroeżami[9] Nazzareno Roberts jgħid li ilu jaf lil martu erbgħin sena u innega li qabel l-inċident kienet izzappap. Ix-xhud jgħid li minn kemm ilu jafha lill-attriċi, hija qatt ma kellha xi operazzjoni f'saqajha. Ix-xhud jgħid li qabel l-inċident martu kienet timxi regolari, però bil-mod u dejjem hekk jafha. Roberts innega li kien qal lill-konvenuta biex ma tinkwetax għax il-mara tiegħu dejjem taqa', anzi qal li qatt ma jaf li martu waqgħet. Ix-xhud jgħid li fuq il-post tal-inċident huwa kien mar jikkonsla lill-konvenuta biex ma toqgħodx tinkwieta għax sa dak il-ħin ma kienx jaf bl-entità tal-ġrieħi li

[8] *A fol.* 239 sa 242.
[9] *A fol.* 272 sa 276.

kellha martu. Ix-xhud jgħid li meta ġara l-inċident hu kellu 61 għadu kif għalaqhom u kellu jitlaq mix-xogħol biex jieħu ħsieb il-mara, ilibbisha u jaħsilha u jagħmel kollox hu d-dar għax il-mara ma kinitx tiflaħ aktar tagħmel hi dan ix-xogħol.

Is-**Surġent Malcolm Buttigieg** xehed[10] illi meta hu u PC 149 marru fuq il-post tal-inċident, sabu lill-attriċi għadha mal-art tilmenta li kellha wġigħ f'sieqha. L-attriċi u l-passiġġiera li kellha magħha, ċertu Maria Dolores Scicluna, it-tnejn qalulu li ma kinux rawha lill-attriċi u semgħu l-ħabta mal-ġenb tal-karozza. Ix-xhud jgħid li ma kienx għamel skizz tal-inċident għax il-vettura kienet iċċaqalqet minn fejn kienet biex tidħol l-ambulanza għax kienet f'kantuniera. Ix-xhud jgħid li ma kienx hemm ħsara viżibbli mal-karozza ħlief xi msuħ qiesha persuna taħbat u tiżloq minn mal-karozza. Ix-xhud ikkonferma r-rapport tal-Pulizija[11] u in kontroeżami qal li l-vettura oriġinarjament kienet eżatt fil-kantuniera u l-attriċi xi żewġ metri 'l fuq u kemm il-vettura u l-vittma sabhom fi Triq Qrejten.

Il-**Kuntistabbli Jesmond Abela** xehed[12] li jiftakar li l-attriċi sabuha mal-art u kkonferma wkoll ir-rapport tal-Pulizija, liema rapport jinkludi wkoll stqarrija tal-konvenuta wara l-inċident li tgħid:

> "Konna qegħdin induru min Trq Clarence għal Triq Qrejten meta f'daqqa waħda rajt mara tintelaq ma' nofs il-bieba tiegħi u ħoss kbir. Jien mill-ewwel waqqaft il-karozza. Qabel ma din il-mara ħabtet mal-karozza tiegħi jien ma kontx rajtha."

[10] *A fol.* 53 u 54.
[11] *A fol.* 5 sa 9.
[12] *A fol.* 55.

Il-passiġġiera li kien hemm fil-vettura tal-konvenuta fil-mument tal-inċident, Maria Dolores Scicluna stqarret mal-Pulizija: "konna telgħin fi triq meta f'daqqa waħda smajt ħoss u mill-ewwel waqafna." Min-naħa tagħha l-attriċi stqarret mal-Pulizija: "kont taħt il-bankina biex naqsam it-triq. Rajt il-vettura ġejja u laqtitni u jien waqajt."

Meta xehdet il-konvenuta **Josephine Gera** in subizzjoni[13], spjegat li hi mill-Imsida u taf li f'dik il-parti tat-triq isiru ħafna inċidenti. Hija kienet fi Triq Clarence u kien hemm *stop sign* u ċċekkjat li mhux ġejjin karozzi u daret ġo Triq Qrejten u meta kienet daret kollha f'dik it-triq, semgħet ħoss kbir fuq in-naħa tal-lemin tagħha u rat wiċċ mal-ħġieġa tan-naħa tagħha u min kienet, waqgħet mar-rota tal-karozza u hekk kif ġara dan il-konvenuta tfiet il-karozza. Il-konvenuta tinsisti li hi ma missitix lill-attriċi u kienet l-attriċi li waqgħet fuq il-karozza u wasslet għal din il-konklużjoni għax hija ma kinitx ratha imkien qabel fit-triq lill-attriċi u għax ma sabitx ħsara fuq il-karozza. Il-konvenuta żiedet tgħid li semgħet ħoss kbir fuq il-ħġieġa tan-naħa tal-lemin tal-karozza, in-naħa tas-sewwieq, u meta ħarset mit-tieqa tan-naħa tagħha, rat wiċċ u min kien waqa' mar-rota ta' wara tan-naħa tagħha. Il-konvenuta tgħid li lill-attriċi qabel l-inċident inkwistjoni kienet tafha bħala persuna li kienet *disabled*, zoppa. Josephine Gera tgħid ukoll li Nazzareno Roberts ir-raġel tal-attriċi, fuq il-post tal-inċident qalilha biex tibqa' sejra għax martu kienet il-ħin kollu taqa'. Il-konvenuta tgħid illi lill-attriċi kienet tafha għax hi mill-Imsida wkoll u darba kienu ġirien u għalkemm tiftakarha zoppa, ma tafx jekk kinitx bil-krozzi qabel jew wara l-inċident. Il-konvenuta tgħid li meta semgħet il-ħoss, kienet daret dritta fi Triq Qrejten, u għad li kienet *in motion*, kienet qed issuq bil-mod fil-bidu tat-triq. Tgħid ukoll li

[13] *A fol.* 226 sa 234.

għalkemm semgħet ħoss kbir mal-vettura, xorta ma kellhiex marki fuq il-karozza. Il-konvenuta tgħid li appena daret minn Triq Clarence u daħlet għal Triq Qrejten, hija semgħet il-ħoss. Il-konvenuta tgħid li kienet qed isuq fin-nofs tat-triq, li hi kareġġjata direzzjoni waħda.

In kontroeżami Josephine Gera qalet[14] li l-attriċi spiċċat mal-art b'rasha mar-rota ta' wara tal-vettura tagħha u saqajha fejn il-bieba tax-xufier. Il-konvenuta kkonfermat li l-ħoss semgħatu meta rat wiċċ l-attriċi mat-tieqa tagħha, wiċċha u idha laqtu l-bieba u mbagħad niżlet laġenbha. Il-konvenuta Josephine Gera xehdet ukoll permezz ta' affidavit[15] fejn qalet li dakinhar tal-inċident kellha lil zijitha magħha, Maria Dolores Scicluna u kienet se twassalha d-dar kantuniera bogħod minn fejn seħħ l-inċident u ma kellhomx għaġġla. Gera tgħid li kif wasslet fit-tarf ta' Triq Clarence waqfet u daret fuq il-lemin tagħha għal Triq Qrejten, bilkemm miexja u kif iddrittat, semgħet ħoss ta' ħabta ta' wiċċ fuq it-tieqa tax-xufier. Il-konvenuta tgħid li l-attriċi spiċċat bejn il-karozza tagħha u l-bankina u fl-ebda ħin l-attriċi ma kienet f'nofs it-triq quddiemha. Il-konvenuta tgħid li l-attriċi qasmet jew niżlet il-bankina jew waqgħet eżattament mal-kantuniera u qed tgħid hekk għax hija fl-ebda ħin ma rat lill-attriċi, ħlief li sabitha fit-triq mat-tieqa tax-xufier, eżattament malli daret, u ma kien hemm ebda mod kif taraha għax hemmhekk hemm *blind corner* għaliex iż-żewġ toroq huma 90 grad ma' xulxin.

Il-konvenuta tgħid li kienet taf lill-attriċi minn tfulithom għax kienet mill-Imsida u dejjem tafha zzappap. Ikkonfermat li r-raġel tal-attriċi wara l-

[14] *A fol.* 234 sa 237.
[15] *A fol.* 278.

inċident qalilha li tista' titlaq għax martu ta' spiss kienet taqa'. Iżda hi xorta stenniet sakemm ġew il-Pulizija u l-ambulanza.

Xehdet ukoll permezz ta' affidavit **Maria Dolores Scicluna**[16], iz-zija tal-konvenuta, li qalet li malli l-konvenuta kisret għal Triq Qrejten, semgħet ħoss u l-attriċi waqfet il-karozza. Ix-xhud tgħid ukoll li lill-attriċi ma kinitx ratha qabel il-ħoss u ma setgħetx tifhem minn fejn ġiet Roberts u kif spiċċat mixħuta fl-art. Scicluna tgħid li meta ġie r-raġel tal-attriċi fuq il-post tal-inċident, dan qalilha biex tgħid lill-konvenuta biex issuq u biex jitilqu minn fuq il-post għax il-mara tiegħu dejjem hekk, jiġu n-nies jgħidulu li waqgħet. Ix-xhud tgħid ukoll li hi toqgħod fl-inħawi fejn tgħix l-attriċi li ilha tafha minn tfulitha, u li meta kienet żgħira kellha inċident u qatt ma tafha timxi sew. Ix-xhud tikkonferma li ma rat ebda ħsarat fil-vettura tal-attriċi.

In kontroeżami Maria Dolores Scicluna tgħid[17] li kienet marret qadja man-neputija tagħha l-konvenuta u bħas-soltu kienet twassalha lura d-dar. Kienu ġejjin minn Triq Clarence u daru ma' Triq Qrejten u kienu fil-bidu tat-triq, it-tul ta' inqas minn żewġ karozzi. Ix-xhud tgħid li l-konvenuta kienet qed issuq bil-mod u hija semgħet ħoss mal-karozza u semgħet l-għajjat tan-nies. Ix-xhud tgħid li meta niżlu mill-karozza sabu lill-attriċi wiċċha mar-rota ta' wara tan-naħa tas-sewwieq u kienu għadhom ma ġewx nies. Meta ġie r-raġel tal-attriċi fuq il-post, taptpilha fuq daharha u qalilha li jistgħu jitilqu għax martu dejjem taqa'. Ix-xhud tammetti li taf bl-inċident li kellha l-attriċi meta kienet tifla minn dak li semgħet mingħand in-nies għax hi kienet tifla wkoll dak iż-żmien. Maria Dolores Scicluna tgħid

[16] *A fol.* 279.
[17] *A fol.* 284 sa 287.

li minkejja li l-attriċi kienet mal-art, ir-raġel tagħha xorta qalilhom biex jitilqu. Huma però stennew lill-Pulizija u l-ambulanza.

*Provi dwar danni sofferti mill-attriċi:*

Xehed il-kirurgu ortopediku **Mr Massimo Abea**[18], li kkonferma ċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minnu fis-26 ta' Novembru, 2015.[19] Mr Abela jgħid li jrid jgħaddi ftit taż-żmien qabel ma jkun jista' jikkonferma x'perċentwal ta' diżabilità permanenti kellha l-attriċi. Ix-xhud jispjega li l-attriċi kienet taħt il-kura tiegħu l-isptar Mater Dei u jgħid li jaf li hija kienet intlaqtet minn karozza fit-30 ta' April, 2013 u kien sarilha intervent dakinhar stess fejn kienu għamlulha *external fixator,* jiġifieri pinnijiet minn barra biex iżommulha l-ksur f'postu u dan fuq il-qasba tal-lemin eżatt fejn hemm l-irkoppa. Ix-xhud jgħid li minħabba l-kwalità tal-għadam tal-pazjenta, il-ksur qisu sfronda u ħarġilha l-artrite u ġiet ammessa taħt il-kura tiegħu fid-19 ta' April, 2016. Mr Abela jgħid li kienu għamlulha *total knee replacemet* fuq il-lemin u kien intervent mhux tas-soltu għax peress li kellha *bone loss* jew għadam mifqugħ, juża ġog speċjali li jsaħħaħ l-għadam u jkun jista' jiddritta s-sieq u kellha tistenna xi għaxar xhur biex tara jekk ikollhiex *recovery* u hemm wieħed ikun jista' jikkalkula d-diżabilità.

[18] *A fol.* 52.
[19] *A fol.* 36.

*Rapport tal-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel*[20]*:*

L-espert mediku vverifika l-operazzjonijiet li kienu saru fuq l-attriċi kemm minn dak li xehdet hi quddiemu bil-ġurament, iżda ukoll mir-rapporti tal-isptar fejn jirriżulta li sarilha intervent fit-30 ta' April, 2013 biex tevita żvilupp ta' *compartment syndrome.* Ħamest ijiem wara fil-5 ta' Mejju, 2013 saritilha operazzjoni oħra fejn għamlulha *external fixator,* li però kellhom jaġġustawh b'intervent ieħor fil-11 ta' Mejju, 2013. L-attriċi żviluppatilha infezzjoni madwar il-pinnijiet u dawn tneħħew f'Lulju, 2013. Ritratti meħudin fl-10 ta' April, 2014 juru li r-riġel tgħawweġ 19-il grad u qsar 3 ċentimetri u fl-20 ta' April, 2016 saritilha rkoppa artifiċjali, kif ikkonferma mir-ritratti li kellu mill-*files* tal-isptar.

L-espert mediku Frederick Zammit Maempel eżamina lill-attriċi fil-31 ta' Jannar, 2017 ċjoè 45 xahar wara l-inċident u 8 xhur wara l-operazzjoni tal-bdil tal-irkoppa. Mr Zammit Maempel jikkonstata li l-liwja fir-riġel iddrittat, però l-irkoppa ma titmattarx kompletament u lanqas titniha daqs tax-xellug. Il-fatt li ma tiddrittax iffisser li tiġi iqsar minn tax-xellug meta timxi u għalhekk izzappap. L-attriċi ilha timxi bil-krozzi mill-2013 u għalkemm huwa possibbli li timxi b'bastun wieħed fil-futur f'idha ix-xellugija, mhuwiex probabbli li r-*range* tal-moviment tal-irkoppa jista' jitjieb fil-futur. Mr Zammit Maempel jgħid li l-uġigħ varjabbli li Irene Roberts tħoss f'sieqha, għandu jtaffi biż-żmien u hemm żewġ ċikatriċi fuq il-ġnub tal-irkoppa li jagħtu dehra kerha u mhux ser jinbidlu biż-żmien. L-espert mediku jikkonkludi l-attriċi qiegħda minħabba l-inċident tat-30 ta' April, 2013 issofri minn diżabilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%).

[20] *A fol.* 255 sa 260.

Meta l-espert mediku ġie prodott in eskussjoni mill-konvenuta[21], huwa jgħid li hu kien staqsa lill-attriċi tagħtih il-*medical history* tagħha u kienet semmietlu diversi operazzjonijiet, iżda mhux l-inċident ta' meta kellha sebgħa snin. Ix-xhud jgħid li ma sab xejn dwar dan l-inċident fil-*files* li kellu tal-isptarijiet. Mr Zammit Maempel jgħid li fattur fil-perċentwal ta' diżabilità kien li wara r-*replacement* tal-irkoppa, is-sieq ma kinitx tiddritta għalkollox u b'hekk tiqsar meta timxi u għalhekk izzappap. Ix-xhud jgħid li seta', kieku kellu informazzjoni dwar għaliex u kemm qabel l-inċident Irene Roberts kienet izzappap, kif ġie suġġerit lilu li hemm xhieda li jgħidu li kienet izzappap qabel l-inċident, kien jieħu dan in konsiderazzjoni u dan il-fattur seta' jnaqqas il-peċentwal ta' diżabilità li ġej dirett mill-inċident tal-2013. Il-fatt li Irene Roberts kellha 3cm iqsar u allura jġegħelha zzappap, l-espert mediku attribwielu 3%. L-espert mediku jispjega kif fil-fatt ġew allokati il-perċentwali ta' diżabilità: 5% minħabba li l-attriċi kellha tagħmel *knee replacement* wara l-inċident u meta jkollok ġog artifiċjali, ikollok ċertu riskju; 5% minħabba l-*extension deficit* u t-telf tal-*flexion* tal-irkoppa minn żewġ naħat; 2% minħabba l-i*scars* mal-irkoppa li għalkemm f'persuna ta' ċertu età jistgħu jitgħattew, iżda għadhom hemm u jibqgħu hemm u għar-rigward li sieq minnhom meta timxi tiġi iqsar, din ta 3%.

In kontroeżami ix-xhud jgħid[22] li l-ħsara tal-irkoppa kienet kompatibbli mal-fatt li l-attriċi qaltlu li ntlaqtet minn *bumper* ta' karozza. "Jiġifieri sieqha ħadet skoss għall-ġenb u n-naħa ta' barra tal-irkoppa l-għadma t'isfel tal-irkoppa kisritha u remietha 'l isfel." Ix-xhud jispjega li l-fatt li kellhom ibidlulha l-irkoppa għax kienet għaqdet ħażin, setgħet kienet ġejja minn kif kienet kisret l-għadma, kemm damet biex taqgħad u fatturi oħra.

[21] *A fol.* 291 sa 295.
[22] *A fol.* 295 sa 299.

Id-deċiżjoni finali kienet *knee replacement* biex ma jkomplix isir aktar ħsara.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Dan hu każ tipiku fejn il-ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin, bl-attriċi min-naħa u bil-konvenuta u l-passiġġiera zijitha min-naħa l-oħra. Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

L-attriċi ssostni li hija ntlaqtet mill-*bumper* ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta u ttajret għal fuq il-*windscreen* u waqgħet mal-art. Skont l-attriċi, il-vettura tal-konvenuta kienet ġejja b'veloċità qawwija u baqgħet ġejja għal fuqha mal-bankina. L-attriċi tgħid li qasmet apposta 'l fuq mill-kantuniera biex tkun tista' tara l-vetturi ġejjin u fil-fatt l-vettura tal-konvenuta kienet ratha, però laħqitha u tajritha. Min-naħa tagħha l-konvenuta tikkontendi li lill-attriċi l-ewwel ma ratha kienet meta din daħlet fil-ġenb tal-vettura tagħha u ħabtet mat-tieqa tas-sewwieq fil-ġenb. Il-konvenuta tgħid li dak il-ħin kienet qed issuq bil-mod għax kienet għadha kif daret dawra ta' 90 grad u qabel kien hemm *stop sign.* Il-konvenuta tgħid li meta daħlet fi Triq Qrejten hi kienet qed issuq fin-nofs tat-triq u l-inċident ġara kif eżatt daret il-kantuniera u ddrittat. Din il-

verżjoni ovvjament ġiet ikkorroborata minn zijitha li kienet passiġġiera fil-vettura tagħha.

Illi għaldaqstant din il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[23] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet.[24]

Meta dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jiġu applikati għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, jirriżulta fl-ewwel lok illi l-feriti sofferti mill-attriċi fl-inċident inkwistjoni ma setgħux kienu kkaġunati minn waqgħa tal-attriċi mal-vettura tal-konvenuta. L-espert mediku Mr Fredrick Zammit Maempel stqarr li l-leżjonijiet fl-irkoppa tat-tip li ġarrbet l-attriċi, huma kompatibbli ma' daqqa' ta' *bumper* ta' vettura.

Tqis illi meta il-vettura tal-konvenuta daret il-kantuniera bejn Triq Clarence ma' Triq Qrejten u laqtet lill-attriċi, għad li l-attriċi mal-impatt setgħet ħadet l-impressjoni li l-konvenuta kienet mixja b'veloċità qawwija, il-Qorti ma temminx li dan kien il-każ. Iżda mill-banda l-oħra lanqas tqis li hu

[23] **Borg *vs.* Bartolo**, Appell Inferjuri, 25.06.1980.
[24] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** Appell Kummerċjali, 25.02.1952.

verosimili li l-konvenuta li tgħaddi ta' spiss minn fejn seħħ l-inċident biex twassal lil żijitha, kienet kważi wieqfa meta ġiet biex iddur il-kantuniera. Minkejja l-impressjoni li ppruvat tagħti l-attriċi fix-xhieda tagħha li meta ħarġet mill-ħanut tal-*grocer,* hija telgħet lejn in-naħa ta' fuq tat-triq it-tul ta' xi erbat idjar biex tkun tista' tara aħjar il-karozzi ġejjin qabel taqsam, fix-xhieda tiegħu s-Surġent Malcolm Buttigieg jgħid li l-vettura oriġinarjament kienet eżatt fil-kantuniera u l-attriċi xi żewġ metri 'l fuq u kemm il-vettura u l-vittma sabhom fi Triq Qrejten. Però min-naħa l-oħra l-fatt li l-konvenuta ma ratx lill-attriċi qabel ma laqtitha, ċertament huwa indizju li l-konvenuta lanqas kienet qed iżżomm *"a proper lookout".* Il-fatt li l-attriċi rat il-vettura ġejja għal fuqha, u ma għandhiex il-Qorti għalfejn tiddubita dan, ifisser li l-konvenuta kellha tara wkoll lill-attriċi kieku kienet qed iżżomm "*a proper lookout".*

Filwaqt li tqis mingħajr ebda eżitazzjoni l-verżjoni tal-attriċi bħala dik l-aktar verosimili u attendibbli, il-Qorti trid imbagħad tistabbilixxi minn kellu responsabbilità għall-akkadut, jekk kinitx il-konvenuta waħedha jew inkella kinitx ukoll l-attriċi li kkontribwiet għall-akkadut minħabba fejn qasmet it-triq, u ċjoè jekk kienx hemm kontributorjetà min-naħa tal-attriċi wkoll.

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Ransley *et vs.* Edward Restall *et***[25] intqal:

> "Dwar il-*pedestrian* jingħad li dan għandu juża l-massimu prudenza meta jiġi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jgħidu hekk:

[25] P.A., 10.05.2005.

> *"20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
>
> *21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear."*

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura ġejja għax din ma taqax mis-sema.[26] Huwa wkoll fattur indikattiv tat-tort ta' *pedestrian* meta dan ikun għadu kif niżel il-bankina, għax jekk ikun kważi qasam it-triq allura d-*driver* ikollu possibbiltà kbira li jilħaq jarah. Li persuna tintlaqat viċin tal-bankina minfejn tibda taqsam, huwa indikattiv ta' distanza ravviċinata ħafna għall-karozza li ttajjarha.[27] Fl-istess ħin is-sewwieq irid iżomm f'moħħu ċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferiċi. *Pedestrian* għandu dejjem ikun attent meta juża t-triq u jagħmel l-almu tiegħu biex jiġu evitati inċidenti, anke jekk għandu d-dritt favur tiegħu.[28] Fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Micallef *vs*. Joseph Sammut**[29] ġie ritenut illi:

> "irid jingħad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbligi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-oħra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-ġurista eminenti Inġliż Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*.'"

[26] **Peter Magro *vs.* Emanuel Grima**, P.A., 31.10.2012.
[27] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) fl-ismijiet **George Micallef *nomine vs*. Gordon Camenzuli,** 07.10.1997.
[28] Ara s-sentenzi **Formosa & Camilleri Ltd. *et noe vs.* Joseph Camenzuli**, P.A., 26.04.2001 u **Stefan Bonello *vs*. Carmelo Abela**, P.A., 21.10.2002.
[29] 28.06.2001.

Sentenza oħra dwar l-obbligi tal-utent tat-triq hija dik fl-ismijiet **Rita Calleja *vs.* Joseph Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta[30], fejn ingħad:

> "Jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza."

Dwar l-aspett tal-*proper lookout* fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Ciangura *vs.* Carmen German**[31] ingħad:

> "Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "*proper lookout*".

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm "*a proper lookout.*" Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs.* Michelle Cassar**[32], ingħad li:

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

[30] 05.10.1995.
[31] P.A., 03.07.2008.
[32] P.A., 06.11.1998.

Ġie appropositu ritenut li hu d-dover tas-sewwieq "*to see what is in plain view*"[33] u li "min ma jarax li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout*".[34]

Illi fi **Newhaus N.D. *vs*. Bastion Insurance Co. Ltd**[35] il-Qrati kienu rritenew illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fir-rassenja studjata tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Borg *vs.* Karl Jude Bonett**[36], jingħad:

> "Dan premess, minn eżami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, *per* Imħallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x'għandha tkun l-imġiba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:
>
> (1) "*Driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-każ li fih id-*driver* jista' jkun eżentat mir-responsabilità hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed lid-*driver* f'posizzjoni li, anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija *vs.* Dockyard PC 347**

[33] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[34] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[35] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.
[36] App. Inf., 10.10.2005 *per* Imħallef Philip Sciberras.

**Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII, P. IV, p. 859);

(2) "Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subitanea minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija *vs.* Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. XXXIX, P. IV, p. 1031);

(3) "Il-*pedestrian* għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*" – "**Il-Pulizija *vs.* Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April, 1959 (Kollez. Vol. XLIII, P. IV, p. 1027);

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li ġie milqut; u ma tistax tiġi invokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emerġenza. Il-konduċenti ta' vetturi ma għandhomx jippreżumu normalità perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċità tagħhom b'marġini suffiċjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija *vs.* George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, p. 947);

Huwa deżumibbli minn dawn il-ġudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konduċent ta' vettura għandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fiċ-ċirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti ieħor li jemerġi minn dawn l-istess ġudikati huwa dak li biex *driver* ta' vettura jiskansa ruħu minn addebitu ta' ħtija jrid juri li hu ġie rinfaċċjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu.

> Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minħabba l-età tagħhom jew għal xi raġuni oħra ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta' perċezzjoni, la dik il-prontezza ta' deċiżjoni, u lanqas dik l-iżveltezza ta' movimenti, li jeħtieġu ċ-ċirkostanzi improvviżi" – "**Il-Pulizija *vs.* Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV. P. 920); .... *Omissis* ....
>
> Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet "**Salvatore Bongailas vs. Joseph Mercieca**", Appell Ċivili, 20 ta' Jannar, 1967, ukoll ċitata mill-appellat, illi "m'hemm ebda presunzjoni li, fil-każ ta' aċċident bejn *motor car* u *pedestrian*, il-*pedestrian* għandu dejjem raġuni". Issokta mbagħad jiġi osservat illi "b'danakollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passaġġ tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juża t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies bħala xi intruż; u filwaqt illi l-*pedestrian* għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emerġenza, minn naħa l-oħra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu għall-*pedestrians* li għandhom ukoll id-dritt li jużaw it-toroq";
>
> Mod jew ieħor din l-istess riflessjoni tinsab ekkeġġjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Attard *vs.* John Baldacchino**", Appell Ċivili, 20 ta' Lulju, 1994."

Abbażi tal-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu minn din il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-responsabbilitajiet tas-sewwieq u tal-*pedestrian* kif applikati għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, tqis illi kien hemm responsabbilità doppja tas-sewwieq, il-konvenuta, meta hi stess tammetti li fil-kantuniera bejn Clarence Street ma' Triq Qrejten fejn daret bil-vettura tagħha, hija kienet taf li hemm *blind spot.* Il-konvenuta kellha għalhekk tkun viġilanti u attenta li ma kienx hemm nies qegħdin jaqsmu. Kieku l-konvenuta kienet tassew qiegħda żżomm *"a proper lookout",* kienet tinduna bl-attriċi u għall-inqas tipprova tevitaha. Tqis għalhekk li l-kawża prossima tal-inċident kienet appuntu dan in-nuqqas ta' *"lookout".* Minn

fejn qasmet l-attriċi, post forsi mhux daqstant rakkomandat, ċertament ma kienx ikun fattur li jikkontribwixxi għall-inċident kieku min kien qed isuq żamm *"a proper lookout"* u għalhekk din il-Qorti ma tarax li għandha talloka xi responsabbilità kontributorja[37] fuq l-attriċi wkoll.

*Danni sofferti mill-attriċi:*

Id-danni li qed tikkontendi li sofriet l-attriċi huma biss *lucrum cessans* u hija ma ressqet l-ebda provi dwar *damnum emergens.* Mill-Karta tal-Identità tal-attriċi jirriżulta li fit-30 ta' April, 2013, il-jum li fi seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kellha 58 sena. L-attriċi tammetti li hija kienet mara tad-dar u konsegwenza tal-inċident hija ma setgħetx tkompli tagħmel ix-xogħol tad-dar. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Borg** ***vs.*** **Eric Zammit**[38] hemm rassenja tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar it-telf ta' qligħ futur ta' mara tad-dar:

> "<u>Mara tad-dar</u>
>
> Rilevanti wkoll f'dan ir-rigward hi s-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet **Joseph Galea** ***et vs.*** **Charles Fenech** ***pro et noe et***, fejn l-attriċi kienet mara tad-dar. F'dak il-każ il-Prim'Awla kienet qalet:
>
> "Hu ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li mara tad-dar hi intitolata għal kumpens ("**Carmelo Zammit** ***et vs.*** **George Bezzina** ***et***" - Qorti tal-Appell 19 ta' Settembru, 1973; **Nazzareno Apap** ***pro***

[37] Ara f'dan is-sens Q.A., **Anthony Turner** ***et vs.*** **Francis Agius** ***et.***, 28.11.2003.
[38] P.A. *per* Imħallef Lino Farrugia Sacco, 11.12.2013.

***et noe vs.* Francis Degiorgio *et***"- Qorti tal-Appell 16 ta' Jannar, 1984). U fil-kawża fl-ismijiet "**Elizabeth Grech *vs.* Mario Briffa**" deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Frar, 1997 (Ċitaz. Nru 93/94 GCD) intqal "billi x-xogħol tad-dar ukoll għandu valur ekonomiku, u l-kontribut li tagħti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma għandux jitqies li hu anqas minn dak li jagħti r-raġel, fil-fehma tal-qorti x-xogħol tad-dar għandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali", prinċipju li ġie segwit ukoll fil-kawża fl-ismijiet "**Maria Dolores Borg *et vs.* Emanuel Zammit**" deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Marzu, 1999 (Ċitaz. Nru 1286/93 NA)."

Fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003 [Ċitazzjoni Numru. 1017/1995 fl-ismijiet **Manuel u Shirley Caruana *et vs.* Dottor Tonio Mallia *noe***], il-Qorti wkoll adottat introjtu ekwivalenti għall-*minimum weekly wage*, u meta dan il-każ kien dwar mara li:

"fil-fatt anki qabel l-inċident hija ma kienitx taħdem, u tant kienet fi stat ħażin ta' saħħa, kaġun tal-marda li kellha, li l-pożizzjoni tagħha qabel l-inċident giet deskritta mit-tobba bħala li kienet mara *bedridden*."

Ara wkoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Schembri *vs.* Nathalie Navarro** ... *omissis* ...

Wara l-l-Qorti qiset dawn il-fatturi kollha tħoss li f'dan il-każ għandha tapplika l-kriterju tal-paga minima nazzjonali u peress li fil-mument illi fih seħħ l-inċident in kwistjoni, il-paga minima nazzjonali kienet tammonta għal mija tnejn u ħamsin Euro u disa' u għoxrin euro ċenteżmu (€152.29) [Ara A.L. 378 ta' l-2009] fil-ġimgħa u ċjoè sebat elef disa' mija u dsatax Euro u tminn euro ċenteżmi (€7,919.08) fis-sena."[39]

[39] L-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha tagħmel riferiment għal sentenza oħra f'dan is-sens - **Ebejer *vs.* Spiteri***,* P.A. (GCD), 16.12.1997.

Din il-Qorti kif preseduta ser taddotta din is-sistema, ċjoè se tieħu l-paga minima nazzjonali fl-2013[40] ta' €162.19 fil-ġimgħa, li magħha jridu jiżdiedu s-supplimenti addizjonali ta' €3 fil-ġimgħa wara l-ewwel sena ta' impjieg u €3 fil-ġimgħa oħra wara t-tieni sena tal-impjieg[41] u ċjoè €168.19 fil-ġimgħa jew €8,745.88 fis-sena.

Illi l-abbli espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel alloka rata komplessiva ta' diżabilità permanenti ta' 15%, li 3% minnhom ġew attribwiti għall-fatt li l-attriċi izzappap. Jirriżulta mill-provi li l-attriċi ħbiet mill-espert mediku l-fatt li meta kellha seba' snin, kellha inċident stradali ieħor fejn sfat feruta fl-istess parti tas-sieq il-leminija u ħbiet ukoll il-fatt li hija kienet diġà zzappap qabel l-inċident. Għalkemm kemm l-attriċi u kemm ir-raġel tagħha jinnegaw dan kontra dak li xehdu l-konvenuta u zijitha, il-Qorti se toqgħod fuq dak illi xehed Alfred Bugeja, ġar tal-attriċi, li itella' bħala xhud mill-istess attriċi, li kkonferma li l-attriċi kienet izzappap anki qabel l-inċident inkwistjoni, għad li ma jiftakarx jekk qabel kinitx ukoll tuża l-krozzi. Għalhekk ir-rata ta' diżabilità permanenti ser tinħadem fuq tnax fil-mija (12%).

Rigward il-*multiplier* tal-attriċi, bħala mara tad-dar, din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Jane Gauci *vs.* Saviour Magri *et***[42] fejn stabbiliet fuq skorta tas-sentenza fl-ismijiet **Olga Busutti *et vs.* Raymond Muscat**[43]:

[40] Ara l-Avviż Legali 441 tal-2013.
[41] S.L. 452.17, Art. 4(1) – supplimenti mandatorji.
[42] P.A., 29.02.2000.
[43] P.A., 06.06.1997.

> "fil-mument tal-inċident hija [l-attriċi] kienet mara tad-dar u kellha 61 sena u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma huwiex xogħol li tirtira minnu bil-pensjoni wara ċertu età u għalhekk tħoss li *'multiplier'* xieraq f'dan il-kaz għandu jkun ta' tmien (8) snin".

Din il-Qorti taqbel li ladarba fiż-żmien l-inċident, l-attriċi kellha 58 sena, ser tuża *multiplier* ta' 10 snin, tenut kont ukoll li illum il-*life expectancy* tal-bniedem żdiedet sostanzjalment u tenut ukoll kont taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tat-telf bħala *lucrum cessans* għandha għalhekk issir b'dan il-mod: €8,745.88 x 10 x 12% = €10,495. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%, imma billi għaddew aktar minn erba' (4) snin mill-inċident mertu tal-kawża, japplika tnaqqis għall-ħlas *lump sum* ta' 16%. Għalhekk bħala *lucrum cessans* l-attriċi hija intitolat tingħata: €8,745 x 10 x 12% x 0.84 = €8,814.96 + 20% żieda għall-għoli tal-ħajja = €10,578.

Illi dwar imgħax, l-attriċi qed titlob l-imgħaxijiet legali mid-data tal-inċident inkwistjoni. Iżda huwa però prinċipju ġeneralment aċċettat li meta l-ammont dovut ma jkunx ċert u likwidu, l-imgħaxijiet ma jibdewx jiddekorru ħlief mid-data meta jiġi determinat l-ammont – *in liquidandis non fit mora.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Vivian Charmaine Mizzi *vs.* Carmel Mizzi**[44] jintqal:

> "Imgħaxijiet jistgħu biss jiġu komputati jew akkordati *in linea* ta' danni minħabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oġġett tal-obbligazzjoni jkun ħlas ta' somma determinata."

[44] Q.A., 30.06.2004.

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Saviour Aquilina *vs.* Andrew Mamo *noe*** jintqal:[45]

> "Huwa principju ġenerali li l-imgħaxijiet ma humiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-debitu jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tagħha. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit *in mora* – *in liquidandis non fit mora*."

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara lill-konvenuta Josephine Gera responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' April, 2013 u għad-danni kollha li sofriet l-attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' għaxart elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Euro (€10,578); u**

**3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attriċi fis-somma ta' għaxart elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Euro (€10,578).**

[45] Q.A., 10.11.2001.

**Bl-imgħax legali li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' April, 2013, kontra l-konvenuta Josephine Gera.**

Moqrija.